MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 65/2010

**Anthony Vella**

**vs**

**Frans u Emmanuel ahwa Mallia**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi huwa sid il-garaxx mikri lill-intimati, bl-indirizz numru 12 St. Mary Street, Naxxar. Dan il-fond huwa mikri ghas-somma ta’ €698.10 fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem. Illi l-iskandenza li jmiss hija fit-2 t’Ottubru, 2010;

Illi l-esponenti ghandu bzonn li jirriprendi l-garaxx inkwistjoni fil-pussess tieghu peress li jridu biex juzah huwa u familjari tieghu kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta’ dan ir-rikors;

Ghalhekk l-esponent qed jitlob umilment lil Bord li ghar-raguni premessa jittermina l-kirja lill-intimati u jordna li fi zmien qasir u perentorju l-esponenti jirriprendu lura l-pussess tal-garaxx numru 12, St. Mary Str, Naxxar.

Ra wkoll ir-risposta li tghid hekk;

1. Illi l-procedura odjerna ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett in vista tal-fatt li r-rikorrenti ghadu ma hallasx id-drittijiet u l-ispejjes gudizzjarji ta’ rikors iehor identiku pprezentat quddiem dan l-istess Bord bejn l-istess partijiet (rik nru 39/2006/JC1);

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jigi rilevat li r-rikorrenti kien ceda r-rikors precedenti hawn fuq indikat li kien intavolat kontra l-istess intimati fuq l-istess premessi sollevati fl-odjern rikors;

3. Illi fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghal premess u fil-meritu jigi rilevat li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta peress li hija legalment inproponibbli stante li l-kawzala moghtija ma hiex applikabbli ghall-fond in kwistjoni in vista tal-fatt li l-kirja de quo hija ta’ natura kummercjali peress li l-fond qed jinkera lill-intimati bhala store ghal hazna tal-ingenji u ghodda konnessi max-xoghol u sengha taghhom ta’ bennejja/kuntratturi;

4. Illi ghalhekk il-kirja tal-fond de quo taqa taht id-definizzjoni ta’ fond kummercjali skond l-att numru X tas-sena 2009 u kwindi l-kirja in kwistjoni ghandha tissokta favur l-inkwilini, l-odjern intimati;

5. B’riserva li jigu prezentati risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari sollevata mill-intimati mmirata lejn in-nullita' tal-procedura odjerna stante li r-rikorrenti ma hallasx l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza intavolata quddiem dan il-Bord u minnu ceduta;

Allegat ma' dan il-procediment hemm l-atti tar-Rikors 39/06 JC, liema procediment kien dikjarata dezert fis-7 ta' Jannar 2008 wara li dan il-Bord kien iddiferixxa l-kawza *sine die* fis-6 ta' Gunju 2007. Minkejja din l-eccezzjoni, r-rikorrenti ma ressaqx prova li thallsu l-ispejjez gudizjarji u invece huwa sostna fis-sottomissjonijiet tieghu dwar l-istess, illi l-ligi titkellem biss dwar ir-restrizzjoni tal-parti meta ccedi l-kawza u mhux meta l-kawza tkun dezerta;

Illi l-artikolu 907(2)] tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirravviza s-segwenti: "Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra". Minn hawn jemergi illi l-intimati m'ghandhomx ragun jitolbu n-nullita' tal-proceduri u dan ghaliex ir-Rikors 39/06 ma jirrizultax li kien cedut kif minnhom allegat. Meta si tratta ta' ezami ta' eccezzjoni bhal din, jehtieg li l-provvediment tal-ligi jkun osservat strettament u ghalhekk la darba l-artikolu 907(2) jitkellem biss dwar l-obbligu tal-parti li ccedi l-kawza u ma jsemmi xejn dwar cirkostanzi ta' dezerzjoni, l-eccezzjoni qed tkun respinta;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qieghed jichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------